**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

Magistrat Dr Grazio Mercieca LL.D.

Seduta mizmuma llum 25 ta' Gunju, 2018

Rikors Numru: 26/2018 GM

Western Company Limited

Vs

Philip Muscat ID 132660M

Il-Qorti,

Rat ir-rikorsipprezentat mis-socjeta attrici fejn tablet lill-konvenut ihallas is-somma ta' tlettax il-elf, sitt mija u hamsa u tletin ewro (€13635) prezz ta' vettura Toyota Hilux bin-numru ta' registrazzjoni LOR 332 mibjugha u kkonsenjata lil-konvenut.

Bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali datata 13 t'April 2015 u l-mandat ta' sekwestru numru 185/18 u l-imghax u l-konvenut gie ingunt ghas-subizzjoni.

Semgħet il-provi mressqa mill-attur;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat li fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2018 is-soċjeta attriċi ddikjarat li ma kellhiex provi iktar xi tressaq u li l-kawża ġiet iddiferita għas-seduta tallum għall-provi tal-konvenut;

Rat illi l-konvenut u l-avukat tiegħu imsejjħin diversi drabi ma dehrux;

Ikkunsidrat:

Illi jirriżulta li permezz ta' skrittura ffirmata mill-partijiet fl-10 ta' Lulju 2004 (fol 15) is-soċjeta attriċi biegħet u kkunsinnat lill-konvenut vettura tal-għamla Toyota Hilux bin-numru ta' reġistrazzjoni LOR 332 bil-prezz ta' LM9,800 ekwivalenti għal €22,627. Skont statement Dok CB-6 ippreżentat a fol 17 et seq., il-konvenut għall-bidu kien iħallas pagamenti regolarment iżda mbagħad waqaf ħesrem (ara item 63) u allura beda jiġi kkreditat l-imgħax sempliċi, b'tali mod li fl-10 ta' Mejju 2018 kien fadal dovut bilanċ ta' €17,723.17. B'danakollu, it-talba hija biss għal €13,635 u dan skont dikjarazzjoni tal-konvenut stess magħmula fit-22 ta' Mejju 2009 (fol 21) – diikjarazzjoni li ma ġietx ikkontestata mill-konvenut u għalhekk tinstab ippruvata;

Illi l-konvenut ma ressaq l-ebda prova in sostenn tal-eċċezzjonijiet tiegħu;

Għal dawn il-motivi,

Taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba attriċi billi tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas ta' €13,635 bilanċ ta' prezz tal-vettura msemmija fl-avviż tat-talba bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tat-13 t'April 2015, dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 185/18 bl-imgħax legali mid-data tal-ittra uffiċjali sad-data tal-eventwali ħlas effettiv.

Magistrat Dr Grazio Mercieca